MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1407/2002

**Carmelo Debono.**

**-vs-**

**Carmelo Mifsud.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fid-9 ta' Dicembru 2002, li fiha l-attur ppremetta:

Illi b’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar datat 19 ta’ Dicembru, 1977, Giovanna armla minn Emanuel Mercieca kkoncediet b’ titolu ta’ subcens temporanju ghal sbatax (17) il-sena t-terran minn tnejn u hamsin (52), Triq Sammat, Paola versu s-subcens annwu u temporanju ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20) lil Lawrence Ellul (Dok A);

Illi l-istess fond kien unikament uzat mill-konvenut ghal skopijiet kummercjali bhal store;

Illi bi skrittura privata datata 13 ta’ Awissu, 1989, l-istess Lawrence Ellul allegatament ikkoncieda b’ titolu ta’ lokazzjoni lil konvenut l-istess fond bil-kondizzjonijiet hemm indikati (Dok B);

Illi l-eredi tal-kontendenti ossia Doris Mercieca qatt ma rrikonoxxiet lil konvenut fl-apparenti lokazzjoni fit-terminazzjoni tal-fuq indikata koncessjoni enfitewtika;

Illi l-attur huwa eredi ta’ l-istess Doris Mercieca.

Illi meta skada c-cens, id-dritt tas-subcenswalist Lawrence Ellul spicca wkoll u l-allegata lokazzjoni giet meqjusa bhala wahda mhux valida billi saret taht kondizzjonijiet mhux giusti ghas-sid u liema lokazzjoni saret bi frodi tad-drittijiet tas-sid;

Illi ghalkemm giet mifthema lokazzjoni, l-istess ex-censwalist baqa’ jutilizza l-fond ad eskluzjoni tal-konvenut;

Illi l-konvenut ghalkemm debitament mitlub biex jirrilaxxja l-pussess favur is-sid huwa baqa’ inadempjenti;

Illi l-konvenut qed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-lokazzjoni favur il-konvenut ma tiswiex fil-konfront tal-attur ghax mhux maghmula tahat kondizzjonijiet gusti u/jew ghax saret bi frodi tad-drittijiet tal-attur.

**2.** Jigi kundannat sabiex fi zmien qasir perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jizgombra mill-fond tnejn u hamsin (52), Triq Sannat, Paola, minnhu okkupat minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut mil-llum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda ta' l-attur flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut ta' l-14 ta' Marzu, 2003, li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fl-att tac-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------